# **STQARRIJA MINISTERJALI TAL-PRIM MINISTRU ROBERT ABELA B’RABTA MAL-KUNSILL EWROPEW STRAORDINARJU TAL-1 TA’ FRAR 2024**

Sur President,

Nhar il-Ħamis l-1 ta’ Frar 2024 kellna laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew.

Laqgħa li kienet immirata biex tkompli tibni fuq id-diskussjoni tal-Kunsill li kellna f’Diċembru li għadda. Kienet ukoll laqgħa speċjali minħabba l-kuntest li saret fih.

It-toroq ta’ Brussell kienu ddominati mill-protesti tal-bdiewa kontra r-regoli ewropej imfassla minn istituzzjonijiet li qed ikunu akkużati, ngħid jien xi kultant bir-raġun, li qed jinqatgħu mir-realtà u miċ-ċittadini. Protesti bl-istess għan saru fi bliet Ewropej oħra.

Bħala Kunsill Ewropew adottajna konklużjonijiet qosra li fihom irrikonoxxejna dak li beda jdejjaq il-bdiewa u tlabna l-Kummissjoni biex tieħu l-passi meħtieġa.

U minn hekk, dlonk telqu l-politiċi ewropej fuq il-midja soċjali li immedjatament qalu li semgħu dak li kienu qed jgħidu l-bdiewa.

Naturalment, nieħu pjaċir naqra hekk.

Għax jien wieħed minn dawk li ninsisti li l-istituzzjonijiet ewropej għandhom jisimgħu dak li jkun qed joħloq dwejjaq mas-soċjetajiet tagħna.

U mhux se noqgħod lura milli nitkellem dwar dan.

Insemmi pereżempju s-settur marittimu u tat-trasport. Qed naraw istituzzjonijiet ewropej li ħafna drabi jinteressahom biss minn dak li jidher sabiħ fuq il-karta iżda qajla jagħmel sens. Tant hu hekk li ħafna drabi qed nispiċċaw b'riżultati ta' leġiżlazzjonijiet perversi li jkollna nagħmlu każ dwarhom quddiem il-qrati – bl-indikazzjonijiet huma li anke dwar dan se ningħataw raġun.

Insemmi s-sitwazzjoni f'Gaza u l-karba ta' dawk li qed isofru hemm, bħala eżempju ieħor. Hawn nibqa' nemmen li bħala Unjoni, u nies b'pożizzjonijiet għolja fi ħdanha, kienu insensittivi immens.

Allura, Sur President, jien dejjem inwassal il-messaġġ li l-istituzzjonijiet għandhom joħorġu kemm jista' jkun mill-uffiċini u jisimgħu. Li jħossu u jifmhu r-realtajiet tan-nies. Għax b'hekk biss jista' jkollna regoli li jagħmlu sens.

Niġi issa speċifikament għas-settur tal-biedja. Tkellimt mal-bdiewa u r-raħħala direttament. Għax nemmen li iva, importanti li nisma' dak li qed idejjaqhom. Anke jekk id-dwejjaq tagħhom hu aktar marbut ma' regoli li huma mfassla mill-Kummissjoni Ewropea.

Jien nemmen b'konvinzjoni fi prinċipju wieħed. Dak li s-settur għandu bżonn is-sostenn tagħna, b'għajnuna li twittilu t-triq biex ikompli jikber.

U huwa dak li għamilna bħala Gvern matul l-aħħar snin. Konna ta' spalla biex is-settur tajnieh għajnuniet li qatt ma ra bħalhom qabel.

Ippermettili Sur President insemmi ftit eżempji.

Bejn l-2019 u l-2023, investejna 79 miljun ewro direttament f'għajnuniet lis-settur biex ngħinu lill-bdiewa u r-raħħala jinvestu f'makkinarju, inġenji u binjiet li huma neċessarji għall-operat tagħhom.

Innegozjajna b'suċċess biex parti sostanzjali mill-allokazzjoni rekord ta' fondi li nnegozjajna għal pajjiżna, u li tiżboq iż-żewġ biljun ewro, tkun tinkludi 'l fuq minn 190 miljun ewro immirati biex ngħinu lis-settur tal-agrikoltura fil-perjodu 2021-2027.

B'din l-għajnuna, Sur President, is-sapport għad-dħul tal-bdiewa tela' minn 30 ewro għal kull tomna, għal 84 ewro għal kull bidwi, b'nefqa totali ta' madwar 15-il miljun ewro.  Se ngħinu lill-bdiewa żgħażagħ, b'inċentiv ta' 60 ewro għal kull tomna raba li jaħdmu, għall-produzzjoni tal-prodott organiku.

Apparti minn hekk, innegozjajna wkoll b'suċċess skema ta' Coupled Income Support għar-raħħala u s-settur tat-tadam – nefqa ta' tliet miljun ewro minn fondi Ewropej, li se tkun kruċjali, speċjalment għal Għawdex.

Dan biex ma nsemmux li fl-2023, saru investimenti ta' 21 miljun ewro biex bdiewa investew fi proġetti f'żoni rurali, liema nefqa se titla' għal 25 miljun ewro fis-sena 2024.

Hemm eżempji oħra ta' għajnuniet li tajna, fosthom bħala parti mill-pjan ta' rkupru mill-pandemija. Hawn tajna għotjiet diretti li jammontaw għal 3.5 miljun ewro lill-bdiewa u 8 miljun ewro lir-raħħala tal-bhejjem. Dawn jingħaqdu ma' skemi oħra bħal tal-fertilizzant u dawk li bihom indirizzajna l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna.

Imbagħad, ma' dawn, wieħed irid iżid riformi jew proġetti strutturali li għandhom jagħmlu differenza kbira.

Kellna l-kuraġġ li nagħmlu r-riforma tal-qbiela. Ir-riforma tal-kirjiet agrikoli u l-fidi taċ-ċnus.

Riformi mfaħħra mill-bdiewa stess għaliex bdew jagħtu serħan il-moħħ lis-settur fejn ma kienx hemm.

L-estensjoni fin-network tan-New Water, investiment multimiljunarju li jikkumplimenta l-impenn tal-gvern biex titnaqqas il-pressjoni mill-użu tal-groundwater, li għadu wkoll proġett għaddej.

Dawn inizjattivi li l-Ministeri relevanti għandhom direzzjoni ċara li huma prijorità.

Sur President,

Jien ma waqaftx ma' status fuq Facebook. Mort niltaqa' mal-bdiewa u għall-kuntrarju ta' dak li qalet l-Oppożizzjoni, il-bdiewa tkellmu miegħi dwar kif ma pprotestawx kontra l-Gvern. Speċifikaw li d-dwejjaq tagħhom hu immirat lejn regoli bla sens. Jien tajt il-kelma li l-Gvern hu ta' spalla magħhom u se jibqa' hekk kull meta għandhom bżonn.

Ippermettili Sur President, qabel nagħlaq fuq dan is-suġġett, insellem lill-Ministru Anton Refalo u t-tim tiegħu li qed jaħdem qatiegħ fis-settur u grazzi wkoll lis-Segretarju Permanenti Sharlo Camilleri.

Sur President,

Tema oħra fuq l-aġenda tal-aħħar żewġ laqgħat tal-Kunsill kienet it-tkabbir.

F'din id-diskussjoni hemm skejjel ta' ħsieb differenti, però hu żgur li kwalunkwe tkabbir se jħalli impatt f'diversi oqsma – politiċi, finanzjarji u oħrajn.

Veru li politikament jista' jkun jagħmel sens li l-Unjoni tikber minħabba li tikber is-saħħa tagħha.

Però daqstant ieħor veru li dan se jimpatta diskussjonijiet finanzjarji, allokazzjonijiet ta' fondi, it-tfassil tar-regoli u ħafna u ħafna affarijiet oħra.

Il-pożizzjoni tagħna hi ċarissima Sur President u ppermettili nerġa' nirrepetiha.

Aħna rridu l-assikurazzjonijiet li jsiru r-riformi interni meħtieġa fil-metodu li bih illum tfassal ir-regoli tagħha l-Unjoni Ewropea qabel nikkunsidraw aktar tkabbir. Irridu li l-Unjoni tkun lesta hi, biex b'hekk tilqa' membri oħra fil-futur.

Ma jistax jibqa' jkollna, kif semmejt aktar qabel, regoli li jagħmlu sens biss fuq il-karta, bla ma jiġu kkunsidrati r-realtajiet tan-nies.

Apparti hekk, irridu naraw li dawk is-salvagwardji li għandna llum fuq oqsma bħan-newtralità, jiġu mħarsa.

Dwar il-pajjiżi fil-viċinat li jixtiequ jew jaspiraw li jsiru membri, nemmen li għandna niġġudikawhom fuq il-merti tagħhom. Merti li jkunu bbażati fuq il-kwalità ta' riformi li jimplimentaw li bihom jitqarrbu aktar lejn l-Unjoni.

Dik hi s-serjetà, li niġġudikaw fuq il-mertu mhux abbażi ta' eżiġenzi politiċi, kif għamel ħaddieħor.

*

Ma naqsitx lanqas is-solitu diskussjoni dwar it-tensjonijiet fl-Ukrajna. Il-Kunsill ħa nota tal-iżviluppi, però d-diskussjoni hawn kienet aktar waħda ddominata fuq il-baġit u l-għajnuniet.

Naturalment, Sur President, dwar dan is-suġġett il-pożizzjoni tagħna baqgħet konsistenti – nappoġġjaw kull sforz għall-paċi, kif nagħmlu dejjem u kullimkien.

Għalhekk kont diżappuntat immens bid-diskussjoni dwar il-Lvant Nofsani.

Għax għall-kuntrarju tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, fejn adottajna konklużjonijiet kważi f'kull laqgħa tal-Kunsill u fejn tkellimna dwar dak li kien għaddej konsistentament, dwar il-Lvant Nofsani, il-Kunsill ilu ma jippronunzja ruħu minn Ottubru.

Tgħidli konklużjonijiet x'differenza jagħmlu?

Iva, jagħmlu, u kif!

Ma nistgħux nibagħtu messaġġ li donnu ħajja fil-Lvant Nofsani, tiswa inqas minn ħajja fi gwerra oħra.

Jew li qisu l-paċi fil-Lvant Nofsani qtajna qalbna minnha.

Qisu s-sitwazzjoni umanitarja fil-medda ta' Gaza ma tinteressaniex.

Dwar dan kont ċar ħafna fil-Kunsill.

Speċjalment meta issa hemm deċiżjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

Nemmen li rridu nkomplu ninsistu għall-waqfien mill-ġlied immedjat u li dan għandu jsir b'mod immedjat. U iva, hemm għodod Sur President, li l-Unjoni tista' tuża, kif għamilna ma' aggressuri oħra fi bnadi differenti tad-dinja. Hi kwistjoni ta' rieda.

Rieda mill-istituzzjonijiet ewropej kollha. Jeħtieġ isir iktar quddiem is-sitwazzjoni umanitarja li qed tiżvolġi fil-Lvant Nofsani u Gaza.

Aħna bħala pajjiż se nibqgħu nwasslu dan il-messaġġ, u fl-aħħar jiem offrejna wkoll għajnuniet mediċi. Bħala kabinett qbilna wkoll li nibagħtu ikel u għajnuniet oħra biex ngħinu lill-vittmi Palestinjani.

Issa nagħlaq bid-diskussjoni dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-MFF.

Diskussjoni li saret fi sfond ta' deċiżjonijiet minn qrati fi bliet prinċipali fl-Unjoni Ewropea dwar in-nefqiet tal-Gvernijiet tagħhom f'baġits nazzjonali. Liema deċiżjonijiet irrestrinġew in-nefqa tagħhom f'setturi kruċjali.

Din id-diskussjoni telqet b'żewġ għanijiet.

L-ewwel, li tkun limitata kemm jista' jkun l-ispiża filwaqt li niffinanzjaw prijoritajiet ġodda fid-dawl ta' realtajiet mibdula.

U t-tieni, li jkun hemm għajnuniet lill-Ukrajna.

Filwaqt li f'pajjiżna komplejna nassistu lill-poplu tagħna, pajjiżi oħra Ewropej kienu kostretti jnaqqsu l-Baġits nazzjonali tagħhom, anke b'deċiżjonijiet mill-Qrati. Dwar dan anke tkellimt mal-Kanċillier Ġermaniż Olaf Scholz f'laqgħa bilaterali waqt żjara uffiċjali fil-Ġermanja. Għal dawn il-pajjiżi, minħabba s-sitwazzjonijiet lokali tagħhom fejn kellhom inaqqsu l-infiq, kien diffiċli jiġġustifikaw żieda fil-kontribuzzjonijiet lill-Baġit tal-Unjoni Ewropea biex jiġu ffinanzjati prijoritajiet ġodda.

L-unika ġustifikazzjoni biex jagħmlu dan kien li din tkun parti minn pakkett aktar wiesa' li jkun jinkludi għajnuniet lill-Ukrajna. Din l-għajnuna kienet importanti għal dawn il-pajjiżi minħabba l-fatt li l-Ukrajna tinsab fil-viċinat tagħhom.

L-akbar problema f'dan kollu iżda kienet li għalkemm qbilna prattikament fuq kollox, kellek pajjiż li ma bediex jaqbel fuq elementi partikolari. Dawn kienu rappurtati sew fil-midja u allura mhux se nelabora wisq dwarhom.

Però rrid insemmi ftit punti prinċipali.

L-ewwel: f'dan il-baġit ma kien hemm ebda ċaqliq f'envelopes nazzjonali. Jiġifieri l-allokazzjoni rekord ta' Malta għal dan il-perjodu baqgħet kif innegozjajnieha b'suċċess f'Lulju tal-2020.

It-tieni, il-qbil kien li jkun hemm għajnuniet, f'forma ta' self u għotjiet, lill-Ukrajna fis-snin li ġejjin.

It-tielet, li jkun hemm finanzjament u injezzjonijiet ġodda fl-oqsma tal-migrazzjoni, il-fruntieri u s-sigurtà.

Ir-raba', li jiġu ffinanzjati n-nefqiet ġodda ta' prijoritajiet strateġiċi – magħrufa aħjar bħala STEP, l-imgħaxijiet fuq is-self li ħadet l-Unjoni għall-Pjan ta' Reżiljenza u Rkupru u spejjeż tal-istituzzjonijiet.

Għal dan kollu, inkluż is-self potenzjali lill-Ukrajna, in-nefqa globali tista' tilħaq ftit inqas minn 65 biljun ewro. Jekk wieħed ineħħi s-self minn din il-figura, mela allura n-nefqa tammonta għal madwar 32 biljun ewro.

Minn dawn it-32 biljun ewro, madwar 11-il biljun se jiġu ffinanzjati minn fondi li mhux ser jiġu użati minn programmi eżistenti – jiġifieri se jkun hemm ċaqlieqa bejn il-fondi.

Jifdal għalhekk 21 biljun ewro li jridu jiġu minn kontribuzzjonijiet ġodda mill-istati membri. Il-kalkolu tagħna hu li s-sehem ta' Malta fis-snin li ġejjin ikun ta' madwar 5 miljun ewro fis-sena.

Madankollu dan jista' jkun ferm inqas u jiddependi wkoll fuq x'jiġri mill-assi friżati Russi u d-dħul potenzjal li jiġġeneraw. Dan hu stmat li jista' jlaħħaq 17-il biljun ewro.

Sur President, qed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra, kopja tal-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew.

Biex intemm, nagħlaq b'messaġġ wieħed. Inkunu fejn inkunu. Jekk hux hawn, jekk hux fil-Kunsill Ewropew, jekk hux f'laqgħat f'istituzzjonijiet oħra, irridu nibqgħu nwasslu l-messaġġ ta' politika għan-nies.

Għax aħna qegħdin hawn f'isem in-nies!